MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-4 ta' Gunju, 2009

Numru 539/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jason Agius)**

**vs**

**Carmel Falzon**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Carmel Falzon** ta' 43 sena bin il-mejjet Joseph u Antida' *nee'* Caruana, mwieled Pieta' fit-8 ta' Dicembru, 1965, residenti Flat 6, Vjal De LA Cruz, Blokk 1, Qormi, u detentur tal-karta tal-identita' numru 576365M;

Talli fit-18 ta Mejju 2009 ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija, fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta limiti Gudja kkommetta serq ta' diversi oggetti ghad-detirment ta'

Andrew James Taylor u Sharon Delia Taylor, liema reat ta' serq huwa aggravat bil-persuna;

Rat il-kunsens tal-avukat generali sabiex il-kawza kontra l-imputat tkun trattata u deciza bil-procedura sommarja kif ukoll n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat ghall-istess procedura;

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-atti kollha tal-kawza u stante ammissjoni l-akkuza tirrizulta pruvata.  Ghalhekk issib lill-imputat hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu;

Rat l-artikoli 261(d) u 281 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-fedina penali relattivament nadifa tal-imputat;

Tilliberah bil-kondizzjoni li ma jghamilx rejat iehor sa zmien sena (1) mil-lum skond l-artikolu 22 tal-Kap 446;

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------